MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013

Numru. 467/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs.**

**Khaled Alshlaam Almrabea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Khaled Alshlaam Almrabea**, ta’ wiehed u tletin (31) sena, imwieled is-Syria fl-1 ta’ Jannar 1981, iben Awad u Nwiraa, u li joqghod numru 3, Triq Dr. Giuseppe Zammit, Marsa, detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 32967(A), akkuzat talli fid-29 ta’ Marzu 2012 bejn nofsinhar u s-12.40hrs gewwa Triq Hal Far, Birzebbuga:

1. volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé rota *mountain bike* tal-ghamla Cannondale Taurin, liema ammont ta' hsara jiskorri l-elf, mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) ghad-detriment ta' Charles Pace;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PS 1261, Charles Pace, persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem oxxen jew indicenti;

5. fl-istess data, lok u hin hebb kontra Charles Pace sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-piena stabbilita ghal dan ir-reat u l-provvedimenti ta' l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta' ta Charles Pace.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "PC 3" – *a fol.* 15).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 10).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet it-trattazzjoni *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 67 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tal-5 ta’ Novembru 2012, xehed **Charles Pace** (Surgent fil-Korp tal-Pulizija – *a fol.* 23 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tad-29 ta’ Marzu 2012 kien qed isuq ir-rota tieghu bil-hwejjeg tac-*cycling* minn Hal Far sejjer fid-direzzjoni ta’ Birzebbuga u hekk kif wasal fejn ic-centru tal-ETC, harget f’daqqa il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBL 897 misjuqa mill-imputat minn triq laterali fuq in-naha tax-xellug tieghu, cioé minn naha tac-centru tal-ETC, b’konsegwenza ta’ liema l-imputat kien ser itajru, u hekk kif wasal vicin tieghu, qal lill-imputat: *“m’intix tarani”* (*a fol.* 23) u baqa’ ghaddej. Jispjega li hares fil-mera u ra l-vettura tal-imputat taghmel *u-turn* accellerat, hass li l-imputat kien sejjer lejh ghas-sodisfazzjoni, tefa’ mal-genb, nizel minn fuq ir-rota, wasal l-imputat, identifika lilu nnifsu bhala Pulizija u l-imputat beda jidghi u joffendih. Jghid li pprova jikkalma lill-imputat pero l-imputat baqa’ joffendih. Jispjega li ma waqax ghall-provokazzjoni tal-imputat u li l-imputat ixxutjalu l-*frame* tar-rota tieghu u telaq l-hemm. Jispjega li mar l-Ghassa jaghmel rapport u li rrizultalu li r-rota spiccat b’*hairline crack* fuqha konsegwenza tal-agir tal-imputat u li r-rota ma setghetx tintuza aktar.

In <u>kontro-ezami</u> meta gie mistoqsi jghid x’qal lill-imputat meta dan hareg mill-ETC, jghid li qallu biss: *“m’intiex tarani?”*. Jichad li offenda lill-imputat b’ommu u b’ohtu. Ma jafx jekk hemmx *bike lanes* fejn kien qed isuq ir-rota. Jghid li meta l-imputat hareg mill-vettura, kellu c-cavetta fil-ponn f’idejh.

Illi, fis-seduta tas-7 ta’ Ottubru 2013, xehed l-imputat **Khaled Alshlaam Almrabea** (*a fol.* 64 *et seq.*) li qal li dakinhar tad-29 ta’ Marzu 2012 kien hiereg mill-parkegg tal-ETC bil-vettura tieghu, dar fuq il-lemin, ra t-triq vojta, u kif dar u mexa kwazi minn ghaxra sa ghoxrin metru, wasal il-parti leza bir-rota bil-kontra u kif wasal mess mat-tieqa u offendih b’ommu. Jghid li dawwar u gera wara l-parti leza,

daqqlu l-*horn* u wara li kien staqsieh jekk kienx jafu, il-parti leza wiegbu fin-negattiv u staqsieh ghala kien offendih b'ommu. Jghid li l-parti leza qallu li hu kien Pulizija u li meta hu (l-imputat) staqsieh diversi drabi identifikazzjoni biex jara jekk hux vera Pulizija, jghid li l-parti leza kien wiegbu li ma kienx affari tieghu. Jichad li f'xi hin mess ir-rota tal-parti leza. Jghid li wara li staqsa lill-parti leza ghala kien offendih bil-familja, il-parti leza rrabja u mbotta r-rota b'saqajh u baraxlu l-vettura tieghu. Spjega li kieku l-parti leza skuza ruhu, hu kien qisu ma sema xejn.
In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-hsara li ghamillu fil-vettura tieghu l-parti leza kienet fil-*bumper* ta' wara u jispjega li kienet girfa hafifa. Mistoqsi jikkonfermax li l-Pulizija raw il-*bumper* u li dan kien kollu migruf, qal li l-*bumper* fih grief antiki ghax il-vettura juzaha ghax-xoghol pero wahda mill-girfiet giet maghmula mill-parti leza li t-tellar stamihulu mitt Euro. Jichad li f'xi hin mess ir-rota.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2013, xehed **Francis Muscat** (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa importatur tar-roti u tal-accessorji taghhom u qal ukoll li ilu f'dan il-qasam ghal fuq minn tletin sena. Jispjega li l-mudell tar-rota tal-parti leza hija dik Trail SL 3 u l-valur taghha kien dak ta' € 2900. Jghid li r-rota tal-parti leza kellha krakjatura li ma tistax tigi trangata ghax tista' tinqasam. Jispjega li l-parti leza ma kienx xtara r-rota minn ghandu. Jghid ukoll li l-prezz huwa *selling price*.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-**<u>istqarrija</u>** (*a fol.* 11 *et seq.*) rilaxxata minnu, l-imputat jghid l-istess bhal ma qal fix-xiehda tieghu quddiem il-Qorti. Jghid ukoll li l-parti leza kien qallu sabiex jiskuzah ghax kien irrabjat u li hu (il-parti leza) kien qallu li hu (l-imputat) kellu ragun. Jghid li c-cavetta tal-vettura hallieha gol-vettura ghax halla l-vettura starjatha fuq il-handbrejk.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqsekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."

(Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** (deciza fit-2 ta' Frar 2012), **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013).

Illi din il-Qorti hija f'pozizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'pozizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu *viva-voce* quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom *stante* li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Illi din il-Qorti ghamlet l-ezercizzju li ssemmi l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** imsemmija hawn fuq u serenament tasal ghal konkluzjoni illi x-xiehda moghtija mill-parti leza hija aktar kredibbli. Il-Qorti tasal ghal din il-konkluzjoni wara li rat il-komportament tal-parti leza u tal-imputat fuq il-pedana tax-xhud, u dak li huma xehdu, fosthom is-segwenti:

(a) il-fatt li l-imputat ghamel *u-turn* u saq b'certu *speed* fid-direzzjoni tal-parti leza, kienet x'kienet ir-raguni ghala huwa ghamel hekk;

(b) l-imputat jichad li f'xi hin mess ir-rota tal-imputat. Ma jaghmilx sens li l-parti leza jirrabja u jimbotta r-rota tieghu b'saqajh stess u jispicca jaghmlilha hsara, u dana kif jallega l-imputat;

(c) minkejja li l-imputat jallega li l-parti leza ghamillu xi hsara fil-vettura tieghu (liema hsara l-imputat jghid li kienet tikkonsisti f'girfa hafifa fuq il-*bumper* ta' wara), jirrizulta, mill-kontro-ezami tal-imputat, li l-*bumper* in kwistjoni fih grief antiki u l-istess imputat jghid li l-vettura tintuza ghax-xoghol.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, in segwitu ta' dak li nghad hawn, il-Qorti ma jibqghalha l-ebda dubju li l-imputat effettivament kkaguna hsara fir-rota tal-parti leza, liema hsara saret volontarjament. Jirrizulta li r-rota tal-*parti leza* ma setghetx aktar tintuza ghax il-materjal specjali taghha ma jippermettiex li tigi msewwija ghax ir-rota in kwistjoni tista' tinqasam.

Illi, fir-rigward tal-valur tar-rota in kwistjoni, il-Qorti tinnota li fix-xiehda tieghu l-parti leza ezebixxa stima (Dok. "CP 1" – *a fol.* 29) minn liema jidher li r-rota tiswa € 2950. Il-Qorti tinnota:

(a) dan id-dokument huwa biss kopja;
(b) minkejja li l-parti leza prometta li kien ser igib l-original darb'ohra dan baqa' ma ghamlux;
(c) il-kopja tal-istima ma gietx konfermata bil-gurament minn min irrilaxxaha;
(d) minkejja li l-parti leza jghid li kien xtara r-rota ghal madwar € 2000 ghax kien xtraha *second-hand*, ma gietx imressqa l-ebda prova in sostenn ta' dan;

(e) fix-xiehda tieghu, Francis Muscat jirreferi ghar-rota Cannondale Trail SL 3 mentri l-ewwel (1) imputazzjoni tirreferi ghar-rota Cannondale Taurin.

Illi, mill-provi mismugha u mid-dokumenti ezebiti, il-Qorti filwaqt li setghet tikkonstata li gew kagunati hsarat mill-imputat fir-rota tal-parti leza u li dawn id-danni kienu jeccedu l-€116.47 ma setghetx izda tistabbilixxi minghajr ombra ta’ dubju li dawn id-danni kienu jeccedu s-somma ta’ € 1.164.69. Ghaldaqstant, abbazi tal-principju *il piu’ comprende il meno*, il-Qorti jidrilha li ghandha tinstab htija fl-imputat talli volontarjament kkaguna danni fir-rota tal-parti leza mhux taht Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 pero taht Artikolu 325(1)(b) tal-istess Kapitolu.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni –**
**(Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)**:
Illi f’din l-imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat konness mal-ingurji kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta’ dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta’ dana r-reat jista’ jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida

tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, e' necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualita' ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza puo' sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacche' il reato puo' avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualita' ufficiale dell'oltraggiato."

Illi minkejja li l-parti leza jghid li huwa mal-ewwel identifika lilu nnifsu bhala Pulizija, tant li jghid li hareg il-*wallet* tieghu mill-*haversack*, wara li l-Qorti rat l-elementi li jsawru dan ir-reat, liema elementi gew indikati hawn fuq, il-Qorti mhijiex sodisfatta li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat giet sodifacentement pruvata u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minnha.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti ser timxi ma' gurisprudenza kostanti li kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik li fil-Ligi Ingliża hija *'a breach of public peace'*. Dan ifisser li persuni ohra jkunu beżghu ghall-inkolumita' taghhom waqt l-incident. Dan ma giex pruvat.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi ma giex pruvat li l-imputat qal kliem oxxen jew indicenti u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi ma jirrizultax li l-imputat f'xi hin hebb kontra l-parti leza sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi liberat minn din l-imputazzjoni wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi huwa biss ir-reat ipotizzat taht Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li gie pruvat.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni li giet pruvata u l-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 2). Tenut kont ta' dak li nghad aktar il-fuq rigward il-valur tar-rota in kwistjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tillikwida d-danni *arbitrio boni viri*

favur il-parti leza fl-ammont ta’ elf Euro (€ 1,000) u l-Qorti ser taghzel li timponi piena li tikkomprendi ordni ta’ hlas.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba’ (4) u mill-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tar-reat minuri kompriz u involut fl-ewwel (1) imputazzjoni u tikkundannah ghal perijodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sena u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien tlitt (3) xhur millum ihallas lil Charles Pace s-somma ta’ elf Euro (€ 1,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien sena jew jekk ma jhallasx l-ammont ta’ € 1,000 fiz-zmien lilu moghti.

*In oltre*, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-hati b’garanzija personali ta’ elf Euro (€ 1000) ghal zmien sena millum fil-konfront ta’ Charles Pace.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------